# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Hamis 31 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 195/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**MF**

**vs**

**SF**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' MF, datat 6 ta' Mejju 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti kienet izzewget lill-intimat nhar id-9 ta' Novembru 1990 fil-Parrocca taz-Zurrieq (Dok. A).*

*Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt'itfal, u cioe' TF li twieldet X u DF li twieled Y u li ghalhekk huma t-tnejn maggorenni.*

*Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Dottor Mark Zaffarese datat 30 t'April 2015 (vide Dok, 'B');*

*Illi l-partijiet ilhom ghalhekk separati legalment ghal aktar minn 4 snin u ghalhekk huma ilhom aktar minn erba snin ma jghixu flimkien.*

*Illi r-rikorrenti ma tarax li hemm l-ebda prospett ragonevoli li huma jistghu jirrikonciljaw.*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.*

*Illi ir-rikorrenti tixtieq tirreverti ghal kunjom xbubitha.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1) *Tiddikjara illi z-zwieg ta' bejnha u l-intimat huwa mahlul u ghalhekk tippronunzja id-divorzju bejniethom*

2) *Tordna li kunjom ir-rikorrenti jerga jigi rivertit ghal dak xbubitha u cioe' "S"*

3) *Tordna lir-Regsitratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istes Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit minn avukat u ddikjara li huwa mhux bzonn ta' assistenza legali u li ma kienx qed joggezzjona ghad-divorzju (vide fol 15);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MF** xehed illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta' Novembru 1990 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fit-30 t'April 2015 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li huma t-tnejn maggorenni. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SF** xehed u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Novembru 1990 (Vide Dok A fol 2) u li minn

dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Mark Zaffarese, datat 30 ta' April, 2015 (vide Dok. B fol 3 et seqq.) u ghalhekk ilhom separati legalment ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, tawtorizza lil MF sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha u cioe S, u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**